**Qorti tal-Magistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Mejju 2021**

**Rikors Ġuramentat numru:- 97/2019BS**

**Francis sive Frans Vella;**
**Mario Grech**

**vs**

**Mario Lupi Spencer;**
**Francis sive Frank Lupi Spencer**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ai termini tal-Artikoli 154 et seq tal-Kap. 12 ta' Francis Vella u Mario Grech illi ppremettew:**

Illi l-attur Francis Vella jiddetjeni bi qbiela diversi biċċiet ta' raba' fl inħawi magħrufa 'Ta' Wied il-Mielaħ' sive 'Tal-Inġieret' fil-limiti tal-Għarb, Għawdex, li in parti jinħadem mir-rikorrent l-ieħor Mario Grech, neputi tiegħu, u in parti jintuża minnhom għall-insib tal-għasafar, liema raba' hu aċċessibbli minn passaġġ li jgħaddi in parti minn fuq raba' tal-konvenuti jew li jinsab fil-pussess tal-konvenuti;

Illi l-konvenuti ilhom għal din l-aħħar sena jagħmlu atti ta' molestja kemm fir-raba' fil-pussess tal-atturi kif ukoll fil-mogħdija li jgħaddu minnha l-atturi bl-intiża ċara sabiex jipprovokaw il-kwistjonijiet mal-atturi. Darba

minnhom il-konvenuti daħlu b'*pick up truck* f'għalqa minnhom li l-atturi jonsbu fiha u għafġu u kissrulhom ix-xbiek tal-insib. Darb'oħra ħartu wkoll parti mill-mgħodija fir-raba' tagħhom biex l-atturi ma jkunux jistgħu jgħaddu bil-vetturi jew l-inġenji tar-raba'. Fl-istess żmien il-konvenuti għalqu wkoll il-mogħdija b'ħajt li bnew bil-ġebel tas-sejjieh fit-tarf ta' ġew tal-għalqa tagħhom li r-rikorrent kien pront neħħieh meta mar biex jidħol u sab il-passaġġ imlukkat bil-ġebel u materjal ieħor;

Illi l-aħħar li r-rikorrent Mario Grech daħal bla xkiel mill-passaġġ fir-raba' tal-intimati għar-raba li huwa jaħdem kien fil-ħmistax (15) ta' Ottubru ta' din is-sena (2019). Meta reġa' mar biex jidħol ftit tal-jiem wara huwa sab li l-konvenuti kienu għamlu ħofra kbira u fonda fl-entratura fil-bidu tal-passaġġ għall-għalqa tagħhom u wara ftit sab ukoll li l-entratura għall-għalqa tagħhom ġiet magħluqa b'katina u maqfula b'katnazz. Inoltre l-konvenuti waħlu wkoll camera tas-sigurta' tħares għal fuq din l-entratura. Dwar dan l-għeluq tal-mogħdija bil-katina r-rikorrent sa kien għamel rapport lill-Pulizija Eżekuttiva u kien interpella wkoll b'ittra uffiċjali lil wieħed mill-konvenuti ċjoè lil Mario Lupi Spencer biex jiftaħ mill-gdid il-passaġġ u jordom il-ħofra li kien ħaffer. Kien dan Mario Lupi Spencer li soltu kien jaqla' l-kwistjonijiet ma' l-attur Mario Grech kull darba li huwa kien jiġi biex jgħaddi mill-passaġġ u l-konvenut kien jinzerta hemm fil-għalqa tiegħu. Il-konvenut fit-tweġiba tiegħu għall-ittra uffiċjali sa kien ammetta li kien hu li waħħal il-katina fl-entratura tal-passaġġ u għalaq l-aċċess, liema katina għadha hemm sallum u qed iżomm l-aċċess tal-esponenti milli jidhol għar-raba' tiegħu;

Illi l-aħħar li r-rikorrent Mario Grech kien reġa' pprova jidħol dan l-aħħar ġimgħatejn jew tlieta huwa sab il-passaġġ għadu ostakolat bil-katina w iż-żewġ konvenuti kienu qegħdin fir-raba' tagħhom u ma setax jidħol u kellu jitlaq biex jevita xi inċident magħhom;

Illi dan l-aġir tal-konvenuti li għalqu il-passaġġ b'katina u sakruha b'katnazz u ħafru ħofra fl-entratura tal-passaġġ jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;

**Talbu lil dina l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara li l-aġir tal-konvenuti meta ħafru ħofra kbira u fonda fl-entratura tal-għalqa tagħhom u għalqu l-istess entratura b'katina u sakkruha b'katnazz huwa att spoljattiv li sar bi preġudizzju tad-drittijiet tal-atturi;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jisporgaw l-ispoll minnhom kommess fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss minn din il-Qorti billi jneħħu il-katina u jimlew il-ħofra li hafru;

3. Fin-nuqqas li l-konvenuti jirripristinaw l-ispoll minnhom kommess sa żmien lilhom mogħti, tawtorizza lill-atturi jneħħu l-ixkiel kollu kemm dak hawn fuq imsemmi kif ukoll kull xkiel ieħor li sar mill-konvenuti fil-passaġġ li qed ifixkel l-aċċess liberu tal-atturi għar-raba' tagħhom, u dan a spejjeż tal-konvenuti.

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Novembru 2019, kontra l-konvenuti.

Bl-inġuzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarkin.

**Rat ir-risposta guramentata ta' Mario Lupi Spencer u Francis sive Frank Lupi Spencer illi eċċepew:**

1. Illi qabel xejn l-konvenut irid jipprova li huwa għandu dritt jgħaddi minn fuq ir-raba possedut mill-konvenuti għaliex il-pussess ta' dritt ta' passaġġ li huwa non apparenti u diskontinwu jrid jirriżulta bħala dritt u mhux sempliċi detenzjoni li jista' jkun illegali. Għalhekk fejn jiġi allegat detenzjoni ta' dritt ta' passaġġ irid jiġi qabel xejn pruvat dritt ta' passaġġ biex ikun hemm detenzjoni jew pussess ta' dak id-dritt. Hawnhekk si tratta minn allegazzjoni ta' dritt fuq proprjeta' (ius in re aliena) u mhux min proprjeta' (ius in re).

2. Illi qed jiġu kontestati dawk l-allegazzjonijiet kollha li l-esponenii għadda b'xi truck mill-għalqa posseduta mill-attur u li kisser ix-xbiek li bih kien jonsob għall-għasafar. Ta' minn jinnota li mhuwiex legali li wieħed jonsob għal-għasafar tal-għana kif qed jgħid li jagħmel iktar u iktar meta l-attur fiż-żmien rilevanti kien fil-korp tal-Pulizija mas-sezzjoni tal-Administrativ Law Enforcement li hija s-sezzjoni li tinvestiga reati kontra l-ambjent speċjalment kwistjonijiet ta' nsib u kaċċa. L-esponenti jaf li kemm il-darba xi ħadd b'vendikazzjoni qattgħalu x-xbiek jew serquhulu għaliex dan kien qed jagħmilha ta' 'law enforcer' u ta' 'law breaker' fl-istess hin. Għalhekk kien evidenti li xi ħadd ikun maqrus b'dan l-aġir ambigwu tal-attur u jagħmillu

vendikazzjoni. Iżda l-esponenti jinnegaw kategorikament li huwa għamlulu xi att vandalu bħal dan.

3. Illi l-attur qatt ma kellu d-dritt jew id-detenzjoni ta' xi dritt (sic) li jgħaddi minn fuq l-art posseduta mill-konvenuti Mario Lupi Spencer għaliex fil-fatt qabel ma kien hemm il-katina li qed jallega l-attur kien hemm rixtellu tal-ħadid li kien ilu hemm minn żmien immemorrabbli. Kien il-konvenut li f'daqqa waħda qabad u qala dan ir-rixtellu u ppretenda li għandu jgħaddi minn hemm. Il-konvenut għalhekk ħtieglu li jagħmel katina biex ma jħallix lil min jgħaddi minn hemm għax daħlulu bil-vetturi u għaffġulu 'l-wiċċ miżrugħ. Għalhekk mhuwiex tassew li l-attur kellu xi dritt jew detenzjoni ta' xi dritt ta' passaġġ minn fuq l-art posseduta mil-konvenut.

4. Illi lanqas huwa minnu li l-attur jaħdem jew ħadem xi raba. L-uniku darbtejn li r-raba tal-attur inħadmet kien meta bil-kunsens tal-istess attur il-konvenut Mario Lupi Spencer ħadem kemm ir-raba tiegħu u kemm ir-raba tal-attur.

5. Illi lanqas huwa minnu li l-konvenut għamel xi ħofra biex ma jħallix lill-attur jgħaddi. Saret ħofra biex jerġa jsir rixtellu ieħor li baqa' qatt ma sar għaliex saret katina. Mhuwiex tassew li l-katina nqaflet bil-katnazz kif jista faċilment kkonstatat.

6. Il-konvenut Mario Lupi Spencer għamel il-'cameras' ta' sigurta għaliex xi ħadd kien qed jagħmillu l-ħsara fir-raba. Minn meta saru il-'cameras' waqfu l-ħsarat.

7. Illi mill-istess dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess attur li hu qatt ma kien jgħaddi jekk għadda minn dan l-allegat passaġġ, b'mod paċifiku u mhux kontestatt għaliex il-konvenuti dejjem sostnew li l-mgħoddija għar-raba tal-attur ma kienetx minn fuq dik tal-konvenut Mario Lupi Spencer għalhekk 'ex admiss' l-attur qatt ma gawda paċifikament id-detenzjoni ta' xi dritt ta' passaġġ minn fuq ir-raba possedut minnhom. Kemm Frans Vella u kemm Carmel Cassar (indikat bħala xhud) kienu jħallsu lil-proprjetarja ta' ma ġenb ir-raba in kwistjoni sabiex jgħaddu min fuq ir raba tagħha.

8. Illi kien l-istess attur li kien kontinwament jimmolesta lill-konvenuti u gabillotti oħrajn għaliex dejjem ippretenda li seta' jieħu l-liġi b'idejh u jagħmel li jrid.

9. Illi f'dawn l-atti u l-avvenimenti kollha msemmija mill-atturi l-konvenut Francis sive Frank Lupi Spencer qatt ma pparteċipa u għalhekk għandu jiġu liberat 'ob observantia'.

10. Illi biex tiġi esperita l-azzjoni ta' spoll jinħtieġ li jiġu sodisfatti t-tlett elementi: "possedisse", "spogliatum fuisse" u "intra bimestre deduxisse". Jidher li b'ebda wieħed minn dawn l-elementi ma huwa soddisfatt f'din il-kawża għaliex l-attur qatt ma pposseda xi dritt ta' passaġġ minn fuq ir-raba tal-konvenuti; l-azzjoni ma ġietx dedotta fi zmien xaghrejn għaliex kif ġia ingħad il-kontestazzjoni dwar il-passaġġ kienet ilha li bdiet u per konsegwenza l-atturi qatt ma gew spoljati fid detenzjoni ta' xi allegat dritt ta' passaġġ.

Għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

L-esponenti jiddikjaraw li jafu dawn il-fatti di scientia propria.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal lum bil-fakolta' li l-partijiet jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet finali.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi bħala fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-raba' fl-inħawi magħrufa bħala 'Ta' Wied il-Mielaħ' jew 'Tal-Inġieret' fil-limit tal-Għarb, Għawdex u li hija mqabbla lil Francis Vella u lill-konvenuti kienet kollha kemm hi proprjeta` tal-Knisja li mbagħad għaddiet għand il-Gvern ta' Malta. L-art imqabbla lil Francis Vella, li jiġi z-ziju tal-attur l-ieħor Mario Grech, tikkonsisti f'ċirka ħamest itmiem u nofs art agrikola. Din ir-raba' hija aċċessibbli minn passaġġ li jgħaddi minn fuq ir-raba' ta' terzi persuni estranei għal dan il-proċediment u minn fuq ir-raba' tal-konvenuti. Dan il-passaġġ huwa ben evidenti minn *aerial photo* li ttieħed minn *google earth*[1].

[1] Dok. MS a fol. 56 tal-proċess.

Arthur Bajada, in rappreżentanza tal-Front Office Paying Agency xehed illi r-raba kienet ġiet reġistrata f'isem Francis Vella fit-28 ta' Jannar 2003 u daret fuq Mario Grech fis-sena 2012. Jirriżulta wkoll illi fis-sena 2014 il-konvenut Mario Lupi Spencer rreġistra fuq ismu porzjon raba' fl-istess żona. Osterius Aquilina in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet xehed illi sia l-art reġistrata f'isem Francis Vella kif ukoll dik reġistrata f'isem Mario Lupi Spencer ilhom hekk reġistrati sa minn qabel is-sena 1992 u ċioe minn qabel mal-artijiet għaddew mingħand il-Kurja għal għand il-Gvern.

Mix-xhieda ta' Francis Vella, li llum jgħodd wieħed u tmenin (81) sena jirriżulta illi huwa akkwista r-raba' bi qbiela mingħand ċertu Mikiel u sabiex jaċċedi għal din ir-raba' Vella baqa' juża l-istess passaġġ li Mikiel qablu kien juża sabiex jgħaddi minnu bil-bagħal u l-karettun. Dan l-istess passaġġ jintuża wkoll minn terzi li jgħaddu minnu sabiex jaċċeddu għar-raba' tagħhom li jinsab aktar 'il ġewwa minn dak imqabbel lil Vella.

**Mario Grech** xehed illi ilu midħla ta' dan ir-raba' għal madwar erbgħa u erbgħin (44) sena. Ir-raba' tikkonsisti f'parti li tinħadem u parti li tintuża għall-kaċċa u l-insib. Sabiex jaċċedu għal din ir-raba' l-atturi dejjem għaddew mill-passaġġ li jgħaddi minn fuq il-proprjeta` tat-terzi u minn fuq dik tal-konvenuti. Tajjeb jingħad illi l-proprjeta` tal-konvenuti hija adjaċenti għal dik tal-atturi u dawn iż-żewġ biċċiet raba' huma mifruda b'ħitan tas-sejjieħ għajr għall-fetħa li minnha jgħaddu l-atturi sabiex jidħlu fil-proprjeta' tagħhom. Fuq l-*aerial photo* esebit minnu l-attur indika bl-ittra 'X' il-fetħa fil-parti tal-proprejta` tal-konvenuti li minnha l-atturi jidħlu biex imbagħad jgħaddu mill-passaġġ sakemm jaċċedu għall-art tagħhom mill-fetha indikata bl-ittra 'Y' fuq l-istess *aerial photo*.

L-attur Grech xehed illi r-relazzjoni bejn l-atturi u l-konvenuti dejjem kienet waħda tajba sakemm beda jberraq fis-sena 2018. Il-konvenuti bdew jagħmlu ħafna storbju biex igerrxu l-għasafar u b'hekk itellfu lill-attur Grech u lill-ibnu Wilfred fil-prattika tad-delizzju tagħhom. Fil-11 ta' Novembru 2018 Wilfred Grech sab marki tar-roti ta' karozza fl-għalqa fejn l-atturi jipprattikaw l-insib. Il-vettura li kienet daħlet fl-għalqa kienet għaddiet minn fuq l-ixbiek u dan tqatta' waqt illi l-mansab inkiser. Dwar dan sar rapport lill-Pulizija pero' ma ttieħdux passi għaliex l-attur kellu biss suspett u mhux prova li l-konvenut kien għamillu dik il-ħsara[2].

[2] Dok. WG1 a fol. 70 et seq. tal-proċess.

Grech xehed illi fis-6 ta' Settembru 2019 għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħodu (8:00am) mar biex jidħol fir-raba' tiegħu u hemm sab l-aċċess bejn ir-raba' tiegħu u dik tal-konvenuti imblukkat bil-ġebel waqt illi l-ħamrija wara dan il-ġebel u kif ukoll il-passaġġ kienu maħruta. L-attur neħħa l-ġebel, witta l-ħamrija u għadda sabiex daħal fil-proprjeta` tiegħu. Għalkemm għamel rapport dwar dan ma setgħux jittieħdu passi għaliex mhux mifhum min seta imblokka l-aċċess. Ftit tal-jiem wara l-attur reġa għadda mill-passaġġ sabiex jasal għar-raba' tiegħu u kien hemm li ntebaħ illi fil-parti ta' barra nett tal-għalqa tal-konvenuti dawn kienu ħaffru ħofra kbira u b'hekk dejjqu l-entratura. Fis-27 ta' Ottubru 2019, il-parti tal-għalqa tal-konvenuti fejn kienet tħaffret il-ħofra ingħalqet b'katina u ssakkret b'katnazz. Il-passaġġ li jgħaddi minn fuq l-għalqa tal-konvenuti kien inħarat u f'nofs il-passaġġ kien tpoġġa borġ ġebel. Dak in-nhar il-konvenut dar lura u ma daħalx fl-għalqa. Mal-entratura tal-għalqa tagħhom il-konvenuti waħħlu tabella li taqra 'PRIVATE RTO'. L-attur reġa mar l-għada iżda meta rah il-konvenut Mario Lupi Spencer għalaq il-fetħa bil-katina. L-attur dar lura u mar jagħmel rapport ġewwa l-għassa. Fit-18 ta' Novembru 2019 l-attur reġa għamel tentattiv ieħor sabiex jidħol fl-għalqa tiegħu iżda sab il-fetħa magħluqa b'katina u msakkra b'katnazz. Il-konvenuti waħħlu fil-post CCTV cameras li jgħassu l-entratura li tinsab magħluqa bil-katina.

B'ittra uffiċjali tat-18 ta' Novembru 2019 (Ittra Nru. 697/19) l-attur interpella lill-konvenut Mario Lupi Spencer sabiex jisporga l-ispoll[3]. Din l-ittra ġiet notifikata lill-konvenut fis-27 ta' Novembru 2019[4].

B'ittra uffiċjali responsiva tad-29 ta' Novembru 2019 il-konvenut ikkontesta l-pretensjoni tal-attur.

PS 559 Jason Spiteri xehed illi l-Pulizija rċeviet diversi rapporti dejjem dwar kwistjonijiet fuq l-istess raba'[5]. Jirriżulta illi fis-6 ta' Settembru 2019 l-attur irraporta li l-passaġġ kien inħarat u tpoġġa munzell ġebel jimblokka l-entratura. Fis-27 ta' Ottubru 2019 Mario Grech irraporta li kien prova jidħol fl-għalqa iżda sab il-passaġġ imblokkat b'katina li kienet imwaħħla minn ħajt sa ħajt. Sar rapport ieħor fit-2 ta' Novembru 2019 dan wara illi dak inhar l-attur Mario Grech prova jaċċedi għall-passaġġ iżda Mario Lupi Spencer għalaqlu l-passaġġ bil-katina hekk kif appena rah jersaq qrib l-entratura.

[3] A fol. 51 tal-proċess.
[4] A fol. 52 tal-proċess.
[5] Dok. JS 1 a fol. 83 et seq tal-proċess.

Carmel Cassar u Joseph Attard li għandhom ir-raba' rispettiva tagħhom aktar 'il ġewwa minn dik tal-atturi xehdu illi l-aċċess għar-raba' tagħhom kien minn proprjeta` ta' terzi. F'punt minnhom kien hemm kanna kien jgħolluha u jidħlu. Fiż-żmien Carmel Cassar, Joseph Attard u l-attur Frans Vella kienu joħorġu għaxar Liri Maltin (Lm10) bejniethom u jgħadduhom lill-mara li l-għalqa tagħha kienet fejn hemm il-kanna. Dan il-hlas kien isir madwar erbgħin (40) sena ilu imbagħad ma baqgħux aktar iħallsu sabiex jgħaddu minn fuq ir-raba ta' din il-mara altrimenti ma kellhomx jedd t'aċċess minn fuq dik ir-raba għar-raba' tagħhom.

Angela Galea konfermat illi Carmel Cassar, Francis Vella u Joseph Attard magħruf bħala Ta' Kunċetta kienu jhallsuha għaxar Liri Maltin (Lm10) fis-sena sabiex tikkonċedilhom dritt ta' passaġġ minn fuq ir-raba' tagħha għal tagħhom. Tgħid illi dawn it-tlieta kienu jgħaddu minn fuq ir-raba' tagħhom, għal fuq ir-raba' tal-konvenuti sakemm imbagħad kull wieħed jasal għar-raba rispettiva tiegħu. Dan kien isir biss b'mera tolleranza għaliex kull wieħed minnhom għandu aċċess għar-raba' tiegħu min ħadd tal-Lbiċ u ħadd m'għandu dritt ta' passaġġ minn fuq ir-raba' tal-konvenuti.

Mario Lupi Spencer xehed illi l-attur Mario Grech ilu mqabbad miegħu sa minn mindu rah jagħmel xi xogħolijiet fl-għalqa u fil-fehma tal-attur dan ix-xogħol igerrex l-għasafar allura ma jkunx jista' jonsob. Jgħid illi kien proprju l-attur illi qala l-kanna li minn dejjem kienet fil-post u sservi bħala xatba. Din il-kanna kienet f'għalqa li tinsab qabel dik tal-konvenuti. Billi l-konvenut kien qiegħed isofri danni kkaġunati minn vetturi li jidħlu jdawwru fir-raba tiegħu, il-konvenut stess għamel katina biex b'hekk imblokka l-entratura għar-raba tiegħu. Il-katina, li tpoġġiet fil-bidu tar-raba' tal-konvenuti u mhux fil-post fejn qabel kien hemm il-kanna, ntrabtet ma ħolqa u ma tpoġġa ebda katnazz tant illi bdiewa oħra baqgħu ineħħu l-katina u jgħaddu faċilment għar-raba' tagħhom. Spjega illi sa llum għad m'hemm ebda katnazz mal-katina. It-tabella li taqra RTO hija identika għal dik li kien hemm fiż-żmien meta kien hemm il-kanna u li tneħħiet mill-attur stess meta neħħa l-kanna. Xehed illi fir-raba' tiegħu hemm passaġġ li jgħaddi proprju min nofs din ir-raba u li dan il-passaġġ ilu hemm minn 1978. Il-konvenut ma jridx lill-atturi jgħaddu minn fuq ir-raba' tiegħu għaliex skont hu dawn jgħaddu biss biex jonsbu. Mill-banda l-ohra l-konvenut ikkonċeda li huwa jhalli bdiewa oħra jgħaddu minn fuq dan il-passaġġ sabiex jaċċeddu għar-raba' tagħhom u jaħdmuha.

Francis sive Frank Lupi Spencer xehed illi min nofs ir-raba' tal-konvenuti jinsab għaddej passaġġ iżda saħaq li l-atturi m'għandhom ebda jedd illi jgħaddu minn fuq dan il-passaġġ.

**Ikkunsidrat**

Illi f'din il-kawża l-atturi qegħdin jallegaw li ġie kommess spoll vjolenti u klandestin mill-konvenuti b'dannu għall-atturi. L-ispoll jikkonsisti fil-fatt illi fis-27 ta' Ottubru 2019 il-konvenut poġġa katina fl-entratura tal-għalqa tiegħu u b'hekk għalaq il-passaġġ li minnu l-atturi jgħaddu sabiex jaċċedu għall-għalqa tagħhom. Il-passaġġ ġie ukoll maħrut. Dan kollu sar waqt illi l-atturi ma kienux preżenti fuq il-post.

Il-konvenuti laqgħu għal din l-azzjoni billi ċaħdu illi huma wettqu xi spoll fil-konfront tal-atturi jew li jeżistu l-elementi biex l-azzjoni attriċi timxi b'suċċess u dan għaliex jgħidu illi l-atturi qatt ma kellhom pussess tal-passaġġ. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom il-konvenuti jiddefendu ruħhom billi jgħidu illi l-aġir tagħhom ossia l-fatt illi tpoġġiet il-katina kien instigat mill-aġir tal-atturi li allegatament, b'mod abbużiv u b'molestja għad-drittijiet tal-konvenuti, l-atturi neħħew il-kanna li kien hemm fit-tarf tal-għalqa sservi bħala xatba u ħattew ukoll ħajt li l-konvenuti bnew sabiex iservi bħala diviżorju.

Il-konvenuti eċċepew ukoll illi l-konvenut Francis sive Frank Lupi Spencer m'għandu xejn x'jaqsam mal-aġir lamentat mill-attur u għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

L-azzjoni mibdija mill-atturi hija ta' indole possessorju fejn l-enfasi hija fuq għemil ta' spoll b'detriment għall-atturi. L-atturi qegħdin jipproponu l-*actio spolii* li jekk tiġi nvokata b'suċċess tilħaq il-milja tagħha fir-reintegrazzoni tal-pussess.

L-azzjoni ta' spoll hija azzjoni ta' natura pubblika mpernjata fuq bżonn soċjali li jiġi protett il-pussess u li kull ċittadin jiġi prekluż milli jieħu l-liġi f'idejh. Huwa għalhekk illi azzjoni ta' spoll isservi sabiex jiġi reintegrat il-pussess li jkun ġie mfixkel[6].

[6] Ara **Luigi Sultana et vs Emanuel Cremona et**, Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, 16 ta' Novembru 2010

L-azzjoni ta' spoll hija regolata permezz ta' l-artikolu 535 tal-Kap. 16. Id-disposizzjoni taqra hekk:

*"(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi,* ***__imneżżgħa mill-pussess__****, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista',* ***__fi zmien xahrejn__*** *mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terġa' tiġi mqegħdha f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-haga li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll."*

L-azzjoni teħtieġ il-prova ta' tlett elementi:

a) Il-pussess (***actor docere debet possidesse***)

b) L-att spoljattiv (***spoliatum fuisse***)

c) L-att seħħ fix-xahrejn immedjatament qqabel inbdew il-proċeduri dwar l-ispoll (***infra bimestre deduxisse***)

Tajjeb jiġi mfakkar illi dawn it-tlett elementi huma **__kumulattivi__** u mhux alternattivi għal xulxin. L-azzjoni tfalli jekk jirriżulta nieqes imqar wieħed minn dawn l-elementi[7].

**__Il-Pussess__**

Huwa paċifiku illi f'materja ta' spoll din l-azzjoni tgawdi privileġġ billi sakemm ma ssir ir-reintegrazzjoni tal-pussess mhumiex ammissibbli eċċezzjonijiet oħra għajr dawk dilatorji u l-indaġini li trid tagħmel il-Qorti għandha tkun limitata għall-fatt tal-ispoll u tal-pussess. Dan għaliex il-liġi ma teħtieġx il-prova tal-pussess leġittimu iżda sempliċement dik tal-pussess materjali u ta' fatt.

Dwar l-element tal-pussess ingħad illi *"għall-azzjoni ta' spoll, biżżejjed li jkun pussess ta' kull xorta; kwindi tant il-pussess materjali di fatto, kemm il-pussess leġittimu mingħajr il-materjali detenzjoni tal-ħaġa kif ukoll il-pussess di diritto ta' min ikun akkwista l-ħaġa."*[8]

---

[7] Ara: **Joseph Tabone vs Joseph Flavia sive de Flavia**, Qorti ta' l-Appell, 7 ta' Marzu 1958

[8] Ara: Vol. XLI.II.1129

Fis-sentenza fl-ismijiet **Tiziana Pane` vs Antonio Pane`** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru 2011 ingħad hekk:

*"Illi dwar l-ewwel element, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, il-parti attriċi kienet fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt*[9]*. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir*[10]*, u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess*[11] *u dak tal-ispoll*[12] *. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv*[13]*;"*

Huwa stabbilit illi f'każijiet bhal dak ta' llum fejn gabillott qiegħed jitlob ir-reintegrazzjoni tal-pussess dwar passaġġ jew mogħdija li jallega li ġie mċaħħad mill-pussess tagħha, il-gabilott jeħtieġ jagħmel il-prova li l-għandu l-pussess jew il-kważi pussess ta' dik il-mogħdija. Mhux biżżejjed għall-gabillott li juri li għandu jedd li jgħaddi minn fuq dak il-passaġġ.

Huwa paċifiku llum illi l-pussess li trid il-liġi għall-fini li l-azzjoni ta' spoll tigi nvokata b'suċċess m'hemmx bzonn ikun il-pussess b'titolu ta' proprjeta`. Pussess ta' liema natura jkun huwa suffiċjenti basta jirriżulta li huwa pussess ta' fatt[14].

M'hemmx għalfejn jingħad illi l-kwistjoni dwar jekk l-atturi għandhomx titolu tiżboq l-indagini li trid issir mill-Qorti llum. Kwistjoni ta' dik ix-xorta hija ta' indole petitorju li għalhekk għandha tiġi mistħarrġa fi proċess appożitu separat minn dak ta' llum. Għalhekk, kull eċċezzjoni sollevata mill-kovenuti fis-sens illi l-atturi jeħtieġ jagħmlu l-prova tat-titolu tagħhom m'humiex eċċezzjonijiet li kellhom jitqanqlu fil-kuntest ta' din l-azzjoni.

Mill-provi li ġew imressqa jirriżulta li l-passaġġ li l-atturi jallegaw illi ġew imnezza minnu huwa passaġġ illi jgħaddi minn fuq il-proprjeta` tal-konvenuti. Il-konvenuti stess jikkonfermaw dan fix-xhieda tagħhom jgħidu li dan il-passaġġ jgħaddu proprju min-nofs l-għalqa maħduma minnhom. Saħansitra, Mario Lupi Spencer ikkonċeda li dan il-passaġġ ilu hemm sa mis-sena 1978.

---

9 App.: 26.1.1996 fil-kawża fl-ismijiet **J. Vassallo Gatt noe vs J. Camilleri pro et noe** (Kollez. Vol.: LXXX.ii.306)

10 P.A. : 21.2.1983 fil-kawża fl-ismijiet G.M. Tonna vs G.M. Tonna

11 App.: 4.12.1998 fil-kawża fl-ismijiet J. Aquilina noe et vs L. Debono (Kollez. Vol:LXXXII.ii.1217)

12 .P.A. 12.6.1998 fil-kawża fl-ismijiet J.Cilia et vs L. Camilleri et (mhux pubblikata);

13 P.A.: 21.1.1994 fil-kawża fl-ismijiet A. Pisani et vs V. Farruġia (mhux pubblikata)

14 Ara: **Joseph Vella pro et nomine vs Salvu Micallef**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 t'April 1991.

Jidher illi l-passaġġ in kwistjoni jintuża minn diversi bdiewa illi għandhom xi raba' fl-inħawi. Dan il-fatt ikompli jissaħħaħ bix-xhieda ta' Angela Galea li xehdet li l-attur Frans Vella u terzi kienu jħallsuha sabiex jgħaddu minn fuq il-proprjeta` tagħha imbagħad jibqgħu deħlin fuq il-proprjeta` tal-konvenuti sakemm kull wieħed jasal għar-raba rispettiva tiegħu. Din ix-xhieda tikkonferma mhux biss li l-art tal-atturi hija aċċessibbli minn passaġġ minn fuq il-proprjeta` ta' terzi inkluż ukoll dik tal-konvenuti, iżda tikkonferma wkoll illi l-passaġġ mill-proprjeta` tal-konvenuti kien **użat** u għadu filfatt jintuża minn bosta gabillotti li għandhom ir-raba' tagħhom aktar 'il ġewwa minn dak tal-konvenuti.

Lil hinn mill-fatt dwar jekk l-atturi għandhomx titolu jew le fuq dak il-passaġġ (kwistjoni din illi semmai għandha tiġi mistħarrġa premezz ta' proċeduri separati), bħala fatt l-atturi ilhom snin twal ħafna jagħmlu użu minn dak il-passaġġ sabiex jaċċedu għall-għalqa tagħhom u dan kif konfermat mill-atturi stess, minn Carmel Cassar, minn Angela Galea u fuq kollox mill-konvenuti stess. L-atturi qatt ma sabu ebda ostaklu għall-użu ta' dak il-passaġġ u kien biss fis-sena 2019 illi l-atturi ġew miżmuma milli jaċċedu għal dan il-passaġġ dan wara li nqalgħu xi kwistjonijiet bejniethom.

M'għandux siwi l-argument tal-konvenuti illi l-atturi għandhom aċċess għall-għalqa tagħhom minn band'ohra. Lanqas ma jiswa l-argument illi l-aġir tal-konvenuti skaturixxa minn molestja kommessa mill-attur. Anki jekk għall-grazzja tal-argument huwa minnu li l-atturi mmolestaw lill-konvenuti fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom, il-konvenuti m'għandhom ebda dritt jieħdu l-liġi f'idejhom. Jekk ħassewhom molestati allura messhom anki huma ħadu passi fil-konfront tal-atturi sabiex iwaqqfu dik it-turbitudni. Minkejja dawn il-lamentali l-konvenuti qatt ma ħadu passi u anki jekk jgħidu illi rraportaw dan l-aġir mal-Pulizija, bħala fatt qatt ma ħadu passi fil-konfront tal-atturi. Il-konvenuti jistgħu jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jirregolarizzaw is-sitwazzjoni li nsorġiet bejnhom u bejn l-atturi u b'hekk jiġi stabbilit darba għal dejjem xi drittijiet għandhom reċiprokament. Biss, dan l-istharrig jiżboq l-indaġini li trid issir mill-Qorti llum. Għall-fini ta' din l-azzjoni jorbot biss li ssir il-prova tal-pussess li anki jekk illegali jew mingħajr titolu għandu jiġi mħares.

Abbażi tal-provi kollha mressqa, il-Qorti hija konvinta li l-atturi kellhom il-pussess meħtieġ mil-liġi sabiex iressqu l-azzjoni odjerna.

**Spoliatum fuisse**:

Illi dwar l-element ta' l-ispoll vjolenti u klandestin, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Baldaċċhino vs Emanuel Falzon Fava** deċiża fit-22 ta' April, 1988 ġie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell illi:

*"Hemm ċerti rekwiziti li għandhom jigu sodisfatti sabiex tkun tista' tigi ezerċitata l-azzjoni ta' spoll, fosthom li l-ispoll isir bil-vjolenza jew bil-mohbi u min jikkometti l-ispoll ikollu l-intenzjoni li jippriva lill-pussessur jew detentur tal-haga mobbli jew immobbli mill-pussess jew detenzjoni li huwa jgawdi."*

Sabiex ikun sodisfatt dan it-tieni element jeħtieġ issir il-prova tal-*animus spoliandi* u ċioe li l-att ta' spoll sar b'mod arbitrarju, kontra r-rieda u bil-moħbi tal-pussessur.

L-attur jallega illi l-ispoll seħħ meta l-konvenuti għamlu katina minn ħadd sa oħra tal-fetha u għalqu din b'katnazz. In oltre, poġġew ukoll tabella li tindika li dik hija proprjeta` privata. Il-konvenuti saħqu li ma kkommettew ebda spoll u li għalkemm il-katina tpoġġiet minnhom dan sar sabiex terzi li m'għandhom ebda ness mar-raba fl-inħawi ma jidħlux fil-proprjeta`. Il-konvenut Mario Lupi Spencer xehed illi din il-katina ħadet post kanna li matul kemm snin intużat bħala xatba waqt illi t-tabella m'hi xejn għajr kopja ta' tabella simili li kien hemm qabel inqalgħet il-kanna. Il-konvenut aktar tard xehed illi effettivament il-kanna kienet tinsab f'għalqa privata li tinsab qabel dik tal-konvenuti u li-katina ma tpoġġietx eżattament flok dik il-kanna iżda fl-entratura tal-għalqa li għandhom il-konvenuti.

Ir-ritratti esebiti mill-atturi juru katina li f'tarf minnhom hija marbuta b'katnazz. Mill-banda l-ohra r-ritratti esebiti mill-konvenuti juru katina li sempliċement qegħda żżomm ma anella li hija nvitata fil-ħajt tas-sejjieh. M'hemmx dubju illi dawn il-provi huma kuntradittorji b'mod kategoriku bejniethom għaliex waqt illi l-prova tal-attur turi li huwa ġie għal kollox prekluż milli jaċċedi għall-passaġġ, il-prova tal-konvenuti turi li din il-katina mhi xejn għajr marka li turi konfini ta' proprjeta` privata iżda li ciononstante wieħed xorta faċli jidħol fiha għaliex kull ma jrid jagħmel hu illi jħoll il-katina b'sempliċi ġest. Fil-fatt, il-konvenut Mario Lupi Spencer xehed illi *"jekk wieħed ried jgħaddi seta' faċilment inehhi l-katina u jgħaddi bhalma għamlu bdiewa ohra li għaddew minn hemm u ħartu r-raba' tagħhom."* Il-konvenut saħansitra jixħet dubju fuq jekk kienx l-attur illi għalaq il-katina b'katnazz sempliċement għall-fini illi jieħu ritratt.

Wara li fliet ir-ritratti kollha bir-reqqa u qieset kelma b'kelma l-atti kollha tal-kawża, il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenuti Lupi Spencer ikommettew spoll vjolenti u klandestin. Il-prova regina ta' dan l-aġir sanċit bil-liġi tinsab fix-xhieda ta' Mario Lupi Spencer li oltre għal li jikkonferma li kien proprju hu li poġġa l-katina, zied jgħid testwalment illi din saret għaliex "*Jiena l-intenzjoni tiegħi biex ma jgħaddux minn ġol-mahrut*" u aktar illi "*Le, ma jistax jgħaddi għax triqtu mhix minn hemm, triqtu mhix minn hemm.*" Dan ġie wkoll ikkonfermat mill-konvenut l-ieħor Francis sive Frank Lupi Spencer meta dan xehed hekk:

| | |
|---|---|
| ***Dr Mario Sċerri**:* | *Għalhekk. Mela wieħed jgħaddi minn fuq l-ieħor fuq raba' tal-Gvern.* |
| ***Ix-xhud**:* | *Le, le, ma jgħaddi xejn! Kieku mhix tinħadem ngħidlek iva jgħaddi minn fuqha. Imma la qed tinħadem issa ma jgħaddi xejn, biex jidħol jonsob! Għandu triq oħra minn fejn jgħaddi jekk irid jgħaddi. Allura jgħaddi minn ġo nofs ir-raba' biex għaddej il-King jew!* |
| ***Dr Mario Sċerri**:* | *Għalhekk għamiltha l-katina biex il-King ma jgħaddix.* |
| ***Ix-xhud**:* | ***Għalhekk eħe, biex il-King ma jgħaddix, eżatt.*** (enfasi mizjuda) |

F'dan il-każ jirriżulta illi l-katina tpoġġiet mingħajr il-kunsens tal-atturi, u anzi, ad insaputa tiegħu bl-iskop ben preċiz illi l-attur ma jaċċedix aktar għal dak il-passaġġ, tant illi meta mar u sab ma wiċċu dan l-istat ta' fatt huwa dar lura u mar għamel rapport mal-Pulizija. Saħansitra l-konvenuti installaw sistema ta' *cameras* ta' sigurta' li għalkemm jgħidu li dan sar minhabba atti ta' vandaliżmu, fil-fatt sar sabiex jgħassu lill-atturi milli jaċċedu għall-passaġġ.

Ma jistax ireġi l-agument tal-konvenuti li l-katina tpoġġiet għaliex l-atturi għandhom aċċess minn band'oħra. Lanqas ma jista jreġi l-argument li l-atturi ma jaħdmux ir-raba' iżda jaċċedu għaliha unikament għall-fini ta' kaċċa u nsib. Lil hinn mill-fatt li jeżisti aċċess ieħor għar-raba, u lil hinn minn l-użu li l-atturi jagħmlu mir-raba' tagħhom, bħala fatt l-atturi ilhom snin sħaħ jaċċeddu għar-raba tagħhom minn fuq il-passaġġ li jinsab għaddej min-nofs l-għalqa mqabbla lill-konvenuti. Kull att imwettaq

arbitrarjament sabiex iwaqqaf il-jedd tal-atturi li jaċċedu għall-passaġġ jikkostitwixxi spoll fit-termini li trid il-liġi.

Għalhekk, anki t-tieni element jirriżulta ppruvat.

B'rabta mal-eċċezzjoni numru disgħa (9) kif sollevata mill-konvenuti, il-Qorti hija tal-fehma li jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi l-aġir lamentat ġie fattwalment kommess mill-konvenut Mario Lupi Spencer waħdu kif ammetta huwa stess. Il-Qorti qieset ukoll illi fis-sena 2018 ir-raba in kwistjoni kienet diġa daret fuq Mario Lupi Spencer u għalhekk il-konvenut Francis sive Frank Lupi Spencer, anki jekk ben konsapevoli mit-tpoġġija tal-katina, m'għandux is-setgħa li jisporga l-ispoll.

### *Infra bimestre deduxisse*

Dan l-element irid illi l-kawża tiġi ntavolata entru xahrejn minn mindu jseħħ l-att spoljattiv.

Fil-kawża fl-ismijiet **Alfred Paul Farrugia noe vs Peter Paul Cutajar** deċiza fit-13 ta' Frar 2004 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ingħad illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jiġix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi."*

Jinkombi fuq l-attur illi jipprova l-fatt minnu allegat. F'dan il-kuntest il-prova trid tkun dwar il-mument meta seħħ l-att spoljattiv u mhux il-mument meta l-attur ikun intebaħ bl-ispoll.

Anki dan l-element jirriżulta sodisfaċentement ippruvat. L-atturi ddikjaraw illi l-att spoljattiv seħħ fis-27 ta' Ottubru 2019. Din id-dikjarazzjoni baqgħet ma ġietx kontestata mill-konvenuti. Il-kawża ta' llum ġiet intavolata b'rikors ġuramentat tas-16 ta' Diċembru 2019 u għalhekk entru t-terminu stabbilit mil-liġi.

### Decide

Għaldaqstant, għar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawża billi:

Tilqa' l-eċċezzjoni numru disgħa (9) u billi l-konvenut Francis sive Frank Lupi Spencer m'għandu ebda ħtija għall-aġir lamentat, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

Tilqa' t-talbiet tal-atturi, u għal fini tat-tieni u tat-tielet talba, tipprefiġġi terminu ta' xahar mil-lum li fih il-konvenut Mario Lupi Spencer għandu jirreintegra lill-atturi fil-pussess tal-passaġġ in kwistjoni u, f'każ li l-konvenut Mario Lupi Spencer, ma jottemperax ruħu ma' dan fit-terminu preskritt, qed tawtorizza minn issa li l-istess xogħol ta' reintegrazzjoni isir mill-atturi a spejjeż tal-istess konvenut. F'kull każ, ix-xogħol ta' reintegrazzjoni jrid isir taħt il-kontroll u supervizzjoni tal-AIC Alexei Pace li qed jiġi nominat għal dan l-iskop.

L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut Mario Lupi Spencer.

Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

Dorianne Cordina
D/Reġistratur